

## L-ETF (Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ) qiegħda tfittex li tirrekluta Speċjalist fis-Suq tax-Xogħol (Aġent Temporanju – Grupp ta' funzjoni AD, grad 7)

### Dan l-impjeg jgħodd għalik?

Inti espert fl-analiżi tas-Suq tax-Xogħol u fl-Iżvilupp tal-politiki tal-impjegji?

Inti lest li tivvjaġġa spiss fl-Ewropa u f'pajjiżi sħab tal-ETF?

Tieħu pjaċir taħdem f'tim f'ambjent internazzjonali dinamiku?

Inti tadatta ruħek malajr għall-bidla?

Jekk iva, dan jista' jkun l-impjeg għalik.

**Ibagħtilna l-applikazzjoni tiegħek sas-6 ta' Novembru 2016**, billi ssegwi bir-reqqa l-istruzzjonijiet li hemm f'paġna 5.

### X'qiegħdin noffru?

**Kuntratt:** Aġent Temporanju – Grupp ta' funzjoni AD, grad 7

**Tul tal-kuntratt:** 3 snin

**Perjodu ta' prova:** 9 xhur

**Salarju tipiku għal AD7:** għal impjegat mhux miżżewweġ mingħajr allowance ta' espatrijazzjoni: madwar EUR 4.400 nett/fix-xahar. Għal impjegat miżżewweġ, b'allowance ta' espatrijazzjoni u wild wieħed: madwar EUR 6.200 nett/fix-xahar.

### Min aħna?

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF) hija aġenzija tal-UE li tgħin pajjiżi fi tranżizzjoni u pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw<sup>1</sup> sabiex jirrifirmaw is-sistemi edukattivi, tat-taħriġ u tas-suq tax-xogħol tagħhom.

Fl-ETF aħna nemmnu li l-iżvilupp tar-riżorsi umani permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ huwa vitali sabiex jinkoraġġixxi t-tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjegabilità u l-inklużjoni soċjali fil-pajjiżi fi tranżizzjoni.

L-għan tagħna huwa li ntejbu l-ħajjiet tan-nies, inżidu l-prosperità u noħolqu tkabbir sostenibbli. Il-ħidma tagħna fl-iżvilupp tal-kapital uman hija ispirata mill-politiki interni relatati tal-UE u hija parti mill-politika tal-UE dwar ir-relazzjonijiet esterni.

Skopri aktar dwar l-ETF u dak li nagħmlu: [www.etf.europa.eu](http://www.etf.europa.eu).

### Kif inhi l-ħajja ġewwa Turin?

Il-belt ta' Turin għandha madwar miljun abitant u tinsab fil-Majjistral tal-Italja. Il-belt għandha kultura u storja rikka u qiegħda ssir dejjem aktar magħrufa għall-galleriji tal-arti, ir-ristoranti, il-palazzi, il-parks, il-mużewijiet, il-ġonna u t-teatri tagħha.

Skopri aktar dwar [Turin fis-sit web tagħna](#).

### Fejn jinsab l-impjeg fl-organizzazzjoni?

L-impjeg jinsab fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tal-ETF li fih żewġ Unitajiet:

<sup>1</sup> Il-pajjiżi u t-territorji msieħba tal-ETF huma: l-Albanija, l-Alġerija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarus, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eġittu, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Ġeorġja, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Kazakistan, il-Kosovo (din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-KSNU 1244 u l-Opinjoni tal-QiG dwar id-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza tal-Kosovo), il-Kirgiżistan, il-Libanu, il-Montenegro, il-Marokk, il-Palestina, ir-Repubblika tal-Moldova, ir-Russja, is-Serbja, is-Sirja, it-Taġikistan, it-Tuneżija, it-Turkija, it-Turkmenistan, l-Ukrajna, l-Uzbekistan.

L-Unità tal-Politika Tematika timplimenta proġetti strateġiċi b'fokus tematiku (jiġifieri Kwalifiki u sistema ta' kwalifikazzjoni, Għoti u kwalità tal-ETV, Impjeg, impjegabilità u mobilità u Filiet ta' tagħlim u ta' intrapriża imprenditorjali); tikkordina r-rabtiet bejn l-oqsma/il-proġetti tematiċi differenti u tikkontribwixxi fir-relazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati korporattivi dwar kwistjonijiet ta' politika tematika.

L-Unità tas-Sistema tal-Politika/Analiżi tal-Pajjiżi li timmonitorja u tanalizza l-iżviluppi tal-politika tal-ETV fil-pajjiżi sħab tal-ETF, hija responsabbli għar-relazzjonijiet u għan-netwerking ma' partijiet ikkonċernati tal-pajjiżi sħab, u timplimenta l-proġetti strateġiċi: Il-Proċess ta' Turin, Filiet u governanza tal-ETV u programmi esterni u proġetti ta' appoġġ tal-UE.

## Profil tal-impjeg

Bħala Speċjalist fis-Suq tax-Xogħol, id-detentur tal-impjeg se:

- Iwettaq analiżi fid-dettall tal-pajjiżi u bejn il-pajjiżi dwar ix-xejriet fis-suq tax-xogħol u l-iżviluppi fil-politika tal-impjeggi f'pajjiżi u reġjuni sħab tal-ETF;
- Janalizza l-politiki tal-impjeggi tal-UE mill-perspettiva tar-rilevanza u l-applikabilità tagħhom fil-kuntest tal-pajjiżi sħab tal-ETF;
- Jiżviluppa strumenti metodoloġiċi u approċċi ġodda għall-analiżi tas-swieq tax-xogħol u għall-valutazzjoni tal-politiki tal-impjeggi fil-pajjiżi sħab tal-ETF;
- Jikkontribwixxi fl-għoti ta' pariri politiki u gwida lill-pajjiżi sħab tal-ETF u ta' appoġġ lill-istituzzjonijiet tal-UE;
- Jipparteċipa fl-ivvjaġġar għan-negozju f'pajjiżi sħab tal-ETF għall-identifikazzjoni tal-ETF u/jew l-interventi tal-UE, fil-qasam tal-iżvilupp tal-kapital uman, li jkopru aspetti tas-suq tax-xogħol u politiki tal-impjeggi;
- Jikkontribwixxi fil-proċessi tat-tagħlim tal-politika fil-pajjiżi sħab tal-ETF, fosthom il-bini ta' kapaċità;
- Jikkontribwixxi fl-iżvilupp tal-għarfien espert tematiku tal-ETF billi jabbazza dokumenti ta' pożizzjoni u taqsiriet tal-politika, billi jipparteċipa fit-tfassil ta' inizjattivi innovattivi u żvilupp ta' metodoloġiji ġodda, billi jipparteċipa f'netwerks rilevanti, u jiżgura l-kondiviżjoni tal-għarfien fit-timijiet tal-pajjiżi tal-ETF;
- Jirrappreżenta lill-ETF fil-livell tal-UE u fil-fora internazzjonali.

## Kriterji ta' Eliġibbiltà

Sabiex titqies bħala eliġibbli, inti trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin fid-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet:

- 1 Tkun ċittadin ta' wiehded mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
- 2 Tgawdi drittijiet sħaħ bħala ċittadin;
- 3 Tkun issodisfajt kwalunkwe obbligu impost mil-liġi rigward is-servizz militari;
- 4 Tkun fiżikament b'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet marbuta ma' din il-kariga;
- 5 Ikollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas erba' snin iċċertifikati b'diploma, segwiti **b'mill-anqas sitt snin ta' esperjenza professjonali xierqa;**

### **jew**

Ikollok livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas tliet snin iċċertifikati b'diploma, segwiti **b'mill-anqas seba' snin ta' esperjenza professjonali xierqa;**

**N.B.: Jistgħu jiġu kkunsidrati biss diplomi li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.**

- 6 Ikollok għarfien<sup>2</sup> komprensiv ta' waħda mil-lingwi tal-Unjoni u jkollok għarfien<sup>3</sup> sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Unjoni, sal-punt meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet.

Barra minn hekk trid tkun kapaċi sservi terminu sħiħ ta' 3 snin qabel ma tilħaq l-età tal-irtirar ta' 66 sena.

<sup>2</sup> Ekwivalenti għal livell C1 fid-dimensjonijiet kollha kif definiti fil-qafas Ewropew ta' referenza għal-lingwi

<sup>3</sup> Ekwivalenti għal livell B2 fid-dimensjonijiet kollha kif definiti fil-qafas Ewropew ta' referenza għal-lingwi

## Kriterji tal-Għażla

### ESPERJENZA

Il-kandidati għandhom jagħtu prova ta' esperjenza ta' xogħol ta' mill-anqas 6 snin fl-analiżi u/jew il-pariri ta' politika fil-qasam li ġej:

1. Rabtiet bejn l-impjeg u l-edukazzjoni u l-politiki ta' taħriġ (eż. l-iżvilupp tal-kapital uman u l-impjegabilità taż-żgħirażgħir, it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol);  
u anke **f'mill-anqas wieħed** mill-oqsma li ġejjin:
2. Formulazzjoni tal-politika tal-impjeg;
3. Analiżi tas-suq tax-xogħol u identifikazzjoni tal-ħiliet meħtieġa;
4. Ir-rwol u l-funzjonament tas-servizzi għall-impjegji;
5. Il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tal-politiki u l-programmi tal-impjegji.

Barra minn hekk, il-kandidati għandu jkollhom il-kompetenzi u l-ħiliet li ġejjin:

### TEKNIĊI

- Fehim sod tal-politiki tal-UE fil-qasam tal-impjeg;
- Ħiliet eċċellenti fl-analiżi tal-politika;
- Ħiliet tajbin ħafna fil-kitba, il-qari, it-taħdit u s-smiġħ bl-Ingliż.

### BAŻIĊI

- Ħiliet analitiċi tajbin ħafna – jiġifieri l-ħila li jifhem u janalizzaw kwistjonijiet kumplessi fuq firxa wiesgħa u li jindirizzawhom bl-aktar mod effettiv.
- Ħiliet tajbin ħafna fil-komunikazzjoni – jiġifieri l-ħila li jorganizzaw u jippreżentaw (f'termini orali u miktuba) informazzjoni, jesprimu opinjonijiet, fehmiet u kunċetti b'mod rispettuż, konċiż, li jiftiehem u interessanti għal varjetà ta' udjenzi multikulturali.
- Ħiliet tajbin ħafna ta' ħidma f'tim – jiġifieri l-ħila li jistabbilixxu u jżommu relazzjonijiet ta' ħidma eċċellenti f'kuntest multikulturali, fuq livell kemm ta' tim kif ukoll individwali. Il-ħila li jikkondividu għan komuni u r-responsabilità għall-kisba tiegħu fi grupp.
- Ħiliet tajbin ħafna fl-orjentazzjoni lejn is-servizz - jiġifieri l-ħila li jiskopru l-ħtiġijiet sottostanti tal-partijiet ikkonċernati u li jsibu soluzzjonijiet biex jissodisfawhom.

Barra minn hekk, ikun vantaġġuż għall-kandidati li jkollhom wieħed jew aktar mill-**assi** elenkati hawn taħt:

### ASSI

- Għarfien tajjeb<sup>5</sup> tal-Franċiż, u/jew tal-Għarbi, u/jew tar-Russu.
- Għarfien u fehim tajjeb tal-kuntesti tas-suq tax-xogħol u l-politiki tal-impjegji tal-pajjiżi ta' tranżizzjoni u li qegħdin jiżviluppaw.

## Proċedura tal-Għażla

Jekk jogħġbok innota li l-ħidma u d-deliberazzjonijiet tal-Bord ta' Valutazzjoni tal-Għażla (SAB) huma strettament kunfidenzjali u mhuwa permess l-ebda kuntatt magħhom. Jekk jogħġbok kun af li l-ikkuntattjar ta' membri tal-SAB jikkostitwixxi bażi għal skwalifika mill-proċedura tal-għażla.

Il-proċedura tal-għażla se titwettaq fi tliet fażijiet:

### Fażi 1 – Eżami tal-applikazzjonijiet

#### 1.1 ELIĠIBBILTÀ

Il-konformità mal-**kriterji ta' eliġibbiltà u mar-reqwiżiti formali** se tiġi valutata abbażi tal-forma u l-kontenut tad-dokumenti mitluba (ara l-paragrafu "Rekwiżiti Formali" fis-sezzjoni "Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet").

<sup>4</sup> Ekwivalenti għal livell C1 fid-dimensjonijiet kollha kif definiti fil-qafas Ewropew ta' referenza għal-lingwi

<sup>5</sup> Ekwivalenti għal livell B2 fid-dimensjonijiet kollha kif definiti fil-qafas Ewropew ta' referenza għal-lingwi

## 1.2 GĦAŻLA GĦALL-INTERVISTA

Abbażi tas-CV u l-formola bil-Kriterji tal-Għażla pprovduti, l-SAB se jivvaluta l-applikazzjonijiet fid-dawl tal-profil tal-impjeg u l-kriterji tal-għażla. L-applikanti li s-CV u l-formola tal-Kriterji tal-Għażla tagħhom ikunu meqjusa li l-aktar li jaqblu mal-kriterji se jiġu mistiedna<sup>6</sup> għall-fażi 2.

### Fażi 2 – Intervisti u testijiet

L-SAB se jivvaluta l-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa tal-applikanti għall-kariga u tal-persunal temporanju tal-Unjoni Ewropea (ara t-taqsimi tal-kriterji tal-għażla) kif ukoll l-assi ddikjarati permezz ta' intervista u test/ijiet bil-miktub. Tali test/ijiet se jinvolvi/jinvolvu tal-anqas parti anonima.

Din il-fażi hija mistennija li sseħħ bejn l-aħħar ta' Novembru u l-bidu ta' Diċembru 2016, u se ssir primarjament bl-Ingliż.

Mat-tlestija ta' din il-fażi, l-SAB se jipproponi lista b'aplikant wieħed jew aktar meqjusa li l-aktar li jaqblu<sup>7</sup> mal-profil tal-impjeg u l-kriterji tal-għażla għad-deċiżjoni tad-Direttur tal-ETF.

### Fażi 3 – Faħtra

Fuq il-bażi tal-lista proposta mill-SAB, id-Direttur se jaħtar lill-kandidat magħżul.

Id-Direttur jista' jiddeċiedi wkoll li jistabbilixxi lista ta' kandidati oħra potenzjalment adattati. Din il-lista se tkun valida sa t-nax-il xahar mid-data tal-istabbiliment tagħha u t-tul ta' żmien tagħha jista' jiġi modifikat b'deċiżjoni tad-Direttur. L-inklużjoni f'din il-lista ma tiggarrantixxix li wieħed jiġi offrut impjeg.

Meta tali pożizzjoni ssir battala jew tkun trid tiġi koperta, id-Direttur jista' joffri impjeg lil kandidat fil-lista li l-profil tiegħu jissodisfa l-aħjar il-ħtiġijiet tal-ETF f'dak il-mument.

## Kundizzjonijiet Kuntrattwali

Il-kuntratt ta' impjeg li jista' jiġi offrut lill-kandidat magħżul huwa kuntratt ta' tliet snin b'ħala Aġent Temporanju, Grupp ta' Funzjoni AD, grad 7, soġġett għal perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Il-kuntratti ta' Aġent Temporanju huma skont l-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra (CEOS) tal-Komunitajiet Ewropej.

B'dan it-tip ta' kuntratt, l-impjegat ikun marbut bis-CEOS kif ukoll bir-Regoli ta' Implimentazzjoni rilevanti.

L-ETF se tkun marbuta mal-kuntratt ta' impjeg offrut biss jekk il-kandidat magħżul, qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, ikun:

- Ipprova kopji oriġinali jew iċċertifikati tad-dokumenti rilevanti kollha li jippruvaw l-eliġibbiltà tiegħu/tagħha, inkluż rapport nadif tal-pulizija;
- Għamel eżami mediku obbligatorju li jistabbilixxi li huwa jissodisfa l-istandard ta' saħħa fiżika neċessarja biex jaqdi d-dmirijiet involuti;
- Informa lill-ETF bi kwalunkwe kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali u jkun tqies li ma għandu l-ebda interess personali tali li jdgħajjef l-indipendenza tiegħu/tagħha jew kwalunkwe kunflitt ta' interess ieħor.

### SALARJU U BENEFIĊĠI

- Is-salarju huwa bbażat fuq l-iskala tas-salarji tal-Komunità. Il-paga hija soġġetta għat-taxxa tal-Komunità u għal tnaqqis ieħor stabbilit fir-Regolamenti tal-Persunal u fis-CEOS tal-Komunitajiet Ewropej. Ir-remunerazzjoni, madankollu, hija eżentata minn kwalunkwe tassazzjoni nazzjonali fuq is-salarju;
- Fejn ikun applikabbli, jistgħu jingħataw diversi allowances, b'mod partikolari allowances tal-familja u allowance ta' espatrijazzjoni (4% jew 16% tas-salarju bażiku).

## Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

Il-kandidati huma mistiedna jibagħtu l-applikazzjonijiet tagħhom permezz tas-sit web tal-ETF, is-sezzjoni "Aħdem magħna - offerti u karrieri".

**Id-data tal-għeluq** għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija **s-6 ta' Novembru 2016 f'23.59 (Fin tal-Ewropa Ċentrali)**.

L-applikanti huma rakkomandati ħafna biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom billi traffiku qawwi fuq l-internet jew ħsara fil-konnessjoni tal-internet jistgħu jwasslu

<sup>6</sup> Tipikament 5 jew 6

<sup>7</sup> Ikunu kisbu mill-anqas 70% tal-punteġġ totali (intervista u test bil-miktub)

għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. L-ETF ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dewmien minħabba diffikultajiet bħal dawn.

#### **REKWIŻITI FORMALI:**

Id-dokumenti **kollha** li ġejjin għandhom jiġu pprovduti **sad-data tal-għeluq**, preferibbilment bl-Ingliż:

- **Ittra ta' motivazzjoni** ttajpjata ta' mhux aktar minn paġna, li tispjega għaliex il-kandidat hu interessat f'din il-pożizzjoni;
- **Curriculum vitae** billi jintuża wieħed mill-[formati tas-CV tal-Europass](#), disponibbli fuq is-sit web tal-ETF (**formati oħra ma jiġux ikkunsidrati**);
- Il-formola mimlija kif xieraq magħrufa bħala "**Formola tal-kriterji tal-għażla**" disponibbli fuq is-sit web tal-ETF fejn il-kandidati għandhom jispeċifikaw kif jaqblu mal-Kriterji tal-Għażla.

**Jekk jogħġbok innota li se jiġu aċċettati biss applikazzjonijiet sottomessi online permezz tas-sit web tal-ETF, li jużaw wieħed mill-[formati tas-CV tal-Europass](#) u li jinkludu l-informazzjoni u/jew id-dokumenti kollha elenkati taħt "rekwiżiti formali" hawn fuq.**

**Jekk ikun nieqes xi wieħed mid-dokumenti elenkati hawn fuq jew ma jintlaħqux il-kriterji ta' eliġibbiltà, l-applikazzjoni ma tавvanzax aktar.**

#### **INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI:**

Minħabba l-volum għoli ta' applikazzjonijiet, se jiġu kkuntattjati ulterjorment biss l-applikanti mistiedna għal intervista.

Id-dokumenti ta' applikazzjoni pprovduti matul il-proċedura tal-għażla mhux se jiġu ritornati lill-kandidati, iżda se jinżammu fil-fajl għand l-ETF sakemm ikun meħtieġ għall-proċess u mbagħad jiġu meqruda.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni se tapplika għad-data personali kollha miġbura għal dan il-proċess tal-għażla.

Aktar informazzjoni hija disponibbli fis-sezzjoni [Avviż ta' privatezza għall-applikanti għall-impjeg](#) tas-sit web tal-ETF.

L-applikanti li jħossu li l-interessi tagħhom ikunu ġew ippreġudikati b'xi deċiżjoni marbuta mal-proċedura tal-għażla, jistgħu jressqu lment billi jsegwu l-istruzzjonijiet disponibbli fuq is-sit web tal-ETF taħt is-sezzjoni dwar l-"[Appelli](#)".